(2) Ikun hemm interruzzjoni meta, wara li jkunu ngħalqu l-bibien tal-ajruplan, il-vjaġġ ma jissoktax? B'effett minn liema mument ikun hemm interruzzjoni u mhux dewmien tat-tluq?

(1) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeitsgerichts München (il-Ġermanja) fit-28 ta' Marzu 2011 — Johann Odar vs Baxter Deutschland GmbH

**(Kawża C-152/11)**

(2011/C 204/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Arbeitsgericht München

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Johann Odar

*Konvenuta:* Baxter Deutschland GmbH

**Domandi preliminari**

(1) Dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li trattament differenti bbażat fuq l-età jista' jkun legali meta, fil-kuntest tas-sistema tas-sigurtà soċjali partikolari ta' impriża, l-imsieħba soċjali jeskludew mill-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, ħaddiema li għandhom sigurtà finanzjarja għar-raġuni li huma għandhom dritt għal pensjoni tax-xjuħija, jekk ikun il-każ, wara li jkunu rċevew benefiċċji tal-qgħad, hija kuntrarja għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, stipulata fl-Artikoli 1 u 16 tad-Direttiva 2000/78/KE (1), jew tali diskriminazzjoni hija ġġustifikata skont it-tieni sentenza tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78/KE?

(2) Dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi trattament differenti bbażat fuq l-età jista' jkun legali meta, fil-kuntest tas-sistema tas-sigurtà soċjali partikolari ta' impriża, l-imsieħba soċjali jeskludew mill-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, ħaddiema li għandhom sigurtà finanzjarja għar-raġuni li huma għandhom dritt għal pensjoni tax-xjuħija, jekk ikun il-każ, wara li jkunu rċevew benefiċċji tal-qgħad, hija kuntrarja għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-disabbiltà, stipulata fl-Artikoli 1 u 16 tad-Direttiva 2000/78/KE?

(3) Dispożizzjoni nazzjonali li taqa' taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali partikolari ta' impriża li għall-ħaddiema tal-imsemmija impriża, li għandhom iktar minn 54 sena u mkeċċija għal raġunijiet ekonomiċi, tipprovdi kalkolu tal-ammont tal-kumpens tagħhom, skont l-eqreb data possibbli għall-irtirar, kuntrarjament għall-metodu ta' kalkolu tas-soltu li jieħu b'mod partikolari inkunsiderazzjoni t-tul fis-servizz tal-impriża, jekk il-kumpens imħallas huwa inqas, tallinqas bin-nofs tal-kumpens normali, hija kuntrarja għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, kif stipulata fl-Artikoli 1 u 16 tad-Direttiva 2000/78/KE jew tali diskriminazzjoni hija ġġustifikata skont it-tieni sentenza tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78/KE?

(4) Dispożizzjoni nazzjonali li taqa' taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali partikolari ta' impriża li għall-ħaddiema tal-imsemmija impriża, li għandhom iktar minn 54 sena u mkeċċija għal raġunijiet ekonomiċi, tipprovdi kalkolu tal-ammont tal-kumpens tagħhom, skont l-eqreb data possibbli għall-irtirar, kuntrarjament għall-metodu ta' kalkolu tas-soltu li jieħu b'mod partikolari inkunsiderazzjoni t-tul fis-servizz tal-impriża, jekk il-kumpens imħallas huwa inqas, tallinqas bin-nofs tal-kumpens normali, u li tieħu inkunsiderazzjoni għal dan il-metodu l-ieħor tal-kalkolu, pensjoni ta' rtirar imħallsa minħabba disabbiltà, hija kuntrarja għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq id-disabbiltà, stipulata fl-Artikoli 1 u 16 tad-Direttiva 2000/78/KE?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (ir-Repubblika tal-Polonja) fl-1 ta' April 2011 — Bawaria Motors Spółka z o. o. vs Minister Finansów

**(Kawża C-160/11)**

(2011/C 204/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bawaria Motors Spółka z o. o.

*Konvenut:* Minister Finansów

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 313(1) u 314 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2006/112"), flimkien mal-Artikoli 136 u 315 ta' din l-istess direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jawtorizzaw l-applikazzjoni tal-iskema partikolari tal-"marġni" għan-negozjanti taxxabbli fir-rigward ta' provvisti ta' oġġetti użati anki meta jerġgħu jbigħu l-karozzi personali u vetturi